KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 352**

**T-Tnejn 12 ta' Frar, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**352.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

352.1.1 Inqraw l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Clayton Cutajar u Gillian Farrugia Pace.

**352.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

352.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 351. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 351 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**352.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

352.3.1 Is-Sindku qalet li tlaqqa' l-Kunsill tat-tfal biex qabel Jum is-Siġġiewi il-kunsill ikun iffurmat u jkunu jistgħu jieħdu sehem fl-attivita' tal-Għoti tal-Onorifiċenza. Is-Sindku qalet li se jinxtraw kotba ta' Sam Farrugia, biex il-Kunsill tat-Tfal jipprezentom lil-Librerija tal-Iskaola Primarja. Is-Sindku qalet li t-tfal issuġġerew li ssir attivita` fil-pjazza ta' ftit siegħat fejn jingħataw spazju jilgħabu u jorganizzaw logħob tradizzjonali li kien isir fit-toroq fl-imgħoddi. Is-Sindku qalet li din tista' tiġi amalgamata ma xi attivitajiet li jkun se jorganizza l-kunsill din is-sena jew tkun attivita ġdida għal Jum is-Siggiewi 2019.

352.3.2 Is-Sindku qalet lli rċeviet talba għal no objection biex isir Marċ bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt mis-Siġġiewi Brass Band Festival. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni għal din l-attivita`.

352.3.3 B'rabta mal-proġetti b'fondi ewropej, is-Sindku qalet li t-tender għal ħitan tas-sejjiegħ wasal biex joħroġ. Rigward miżura 4.3 is-Sindku qalet li s-segretarju iltaqa' mal-korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma, liema korporazzjoni infurmat li se tkun qed tagħmel proġett b'rabta ma second *class water* f'uħud mit-toroq. Is-Segretarju spjega li ngħata direzzjoni li t-toroq in kwistjoni u li huma Bur ix-Xewk, tax-Xama u Triq tal-Fawwara, jkunu amalgamati mal-proġett tal-WSC. Is-Segretarju għandu jara li l-partijiet kollha tat-triq koperti mill-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali jkunu kollha mdaħħla max-xogħlijiet ta' WSC. Is-Segretarju għandu jkompli jsegwi u jikkordina mal-entitiajiet.

352.3.4 Is-Sindku nfurmat lil Kunsill li d-Direttur tad-Direttorat tar-Restawr informa lill-Kunsill li r-restawr fuq il-faċċata tal-Kappella tal-qtugħ ir-ras ta' San Gwann se jkun qed isir fuq il-faċċata kollha nkluż il-gallariji li hemm mal-faċċata.

**352.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

352.4.1 Il-Kunsillier Domenic Grech staqsa lill-Kunsill għall-informazzjoni marbuta mal-iskema ta' għoti ta' konkos li kienet saret fl-2015. Is-Sindku talbet lis-

segretarju biex jiprovdi lill-kunsillier bl-informazzjoni mitluba. Il-Kunsillier Grech tkellem ukoll dwar il-ħtieġa ta' skema simili għall-futur. Is-Sindku talbet lis-segretarju biex iħejji skema biex titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**352.5 Jum is-Siġġiewi**

352.5.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għal Jum is-Siġġiewi jingħataw l-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi dawn is-sitt persuni/entitajiet: Rev Fr. Martin Micallef, Rev. Fr Spiridione Cutajar, Is-Sorijiet tal-Qalb tal-Gesu, l-Għaqda tan-Nar San Nikola, is-Sur Michael Vassallo, u s-Sur Joseph Schembri.

**352.6 Mixgħela tas-Salib tal-Għolja.**

352.6.1 Is-Sindku qalet li bdew il-preparamenti għall-attivita` tal-mixgħela tas-salib tal-Għolja għal nhar Ħamis ix-Xirka. Is-Sindku qalet li ltaqgħet mar-rappreżentanti tal-Każin tal-Banda San Nikola li għal sena oħra se jieħdu ħsieb il-fjakkolata tal-għolja, daqq ta' marċi funebri fuq l-għolja, u pageant fl-istess żona. Il-Grupp tal-Armar se jieħu ħsieb il-fjakkolata li ssir fil-pjazza quddiem il-knisja arċipretali, filwaqt li l-Kunsill se jieħu ħsieb il-mixgħela tas-salib u l-organizazzjoni inġenerali. Is-Sindku qalet ukoll li din l-attivita` qed issir bl-għajnuna finanzjarja tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u komunitajiet u l-Awtorita' Maltija dwar it-Turiżmu.

**352.7 Diskussjoni dwar miżuri ta' sigurta` fi Trejqet l-Anġli u Triq Dun Manwel Zammit**

352.7.1 Saret diskussjoni dwar proposti ta' miżuri ta' sigurta` għal Triq Trejqet l-Anġli u Triq Dun Manwel Zammit. Is-Sindku talbet lill-espert tekniku mqabbad mill-kunsill biex janalizza s-sitwazzjoni, biex jispjega l-proposti tiegħu.

Fir-rigward ta' trejqet l-Anġli sar qbil li tinkiteb ittra lil Ministeru tat-Trasport biex isir magħruf x'ġara mill-pjanijiet li kien hemm biex titwessa' t-triq. Sar qbil ukoll li ssir laqgħa mar-residenti u tintalab d-direzzjoni ta' TM biex jittieħdu numru ta' miżuri temporanji ta' sigurta` fit-Triq.

Fir-rigward ta' Triq Dun Manwel Zammit, il-Kunsill iddiskuta numru ta' proposti li jinkludu *traffic calming* measures. Il-Kunsill għandu jistudja f'aktar dettal dawn il-proposti filwaqt li jiskattaw diskussjonijiet ma TM qabel ma jinġiebu l-istimi għal dawn il-proposti.

**352.8 Approvazzjoni tal-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2017**

352.8.1 Is-Sindku talbet lis-segretarju jispjega. Preżenti għal-laqgħa kien hemm ukoll l-accountant tal-Kunsill li ta' randikont fuq l-infiq u d-dħul tal-Kunsill għas-sena 2017. Is-Sena Finanzjarja għalqet b'bilanċ pożittiv għall-Kunsill. Is-Segretarju spjega li l-istqarrijet finanzjarji għandhom jgħaddu għand l-

Awditur Ġenerali sad-19 ta' Frar 2018, biex wara jinbeda l-proċċess ta' awditjar u verifika. Wara dak il-proċċess l-istqarrijiet finanzjarji għandhom jerġgħu jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill u jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali sal-20 t'April 2018. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-istqarrijiet finanzjarji tas-sena 2017.

**352.9 Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2018**

352.9.1 Is-Sindku preżentat il-Budget għas-sena 2018 u talbet lill-accountant biex jidħol fid-dettal. Saret diskussjoni fuq il-punti msemmija fejn fil-Budget 2018 il-kunsill qiegħed jagħti prijorita` lill-infrastruttura permezz ta' nvestiment b'għajnuna minn fondi ewropej fit-toroq rurali u l-ħitan tas-sejjiegħ. Fil-budget hemm ukoll allokazzjoni ta' fondi għall-proġett tal-latrina l-ġdida ta' Għar Lapsi. Il-Kunsill approva l-Budget b'mod unanimu.

**352.10 Forum tal-Għaqdiet**

352.10.1 Sar qbil li jisejjaħ is-sitt Forum tal-Għaqdiet f'Jum is-Siġġiewi l-Ħamis l-1 ta' Marzu 2018.

**352.11 Rapport tal-Korrispondenza**

352.11.1 Is-Segretarju pprezenta r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċeiva bejn it-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 u t-Tnejn 12 ta' Frar 2018.

**352.12 Materji Konnessi mal-Awtorita tal-Ippjanar**

352.12.1 Is-Segretarju ppreżenta r-rapport tal-applikazzjonijiet fis-Siġġiewi rreġġistarti mal-Awtorita' tal-Ippjanar bejn it-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 u t-Tnejn 12 ta' Frar 2018.

**352.13 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

352.13.1 Il-Kunsillier Nicholas Cassar tkellem dwar il-bżonn li jkun irranġat ħajt tas-sejjiegħ fi Triq il-Qrendi ftit l-isfel minn fejn l-istatwa tal-Madonna, f'Ħal Xluq.

352.13.2 Is-Sindku qalet li qed iżżur toroq rurali li l-Kunsill għandu talbiet għal patching fihom, biex din is-sena jsiru dawk li l-aktar jeħtiegu xogħolijiet. Hi fakkret li hemm petizzjoni dwar Triq Wied Xkora li minkejja li hi triq rurali, fiha joqgħodu madwar 25 persuna u għalhekk jeħtieg tkun fost l-ewwel toroq li jsir patching fiha, il-Kunsillier Domenic Grech tkellem ukoll dwar il-bżonn ta' patching estensiv fi Triq Lawrenti.

**352.14 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

352.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**352.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

352.15.1 Il-laqgħa intemmet fid-9.00p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu 2018 fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 12 ta' Marzu 2018.

Dr Alessia Psaila Zammit -Sindku

Keith Galea –Segretarju Eżekuttiv